

Brussell, 17 ta' April 2026
(OR. en)

7863/26

CDR 56

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Regġuni
- Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra tal-21 ta' Jannar 2026¹, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Regġuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Egbert VAN DIJK, membru supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni, ġie propost għall-ħatra u maħtur.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni.

¹ 5630/26.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Egbert VAN DIJK, il-Gvern Netherlandiż ippropona² lis-Sur Henk EMMENS, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Gedeputeerde, Lid van Gedeputeerde Staten van de provincie Drenthe* (Ministru Reġjonali tal-provinċja ta' Drenthe), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument 7864/26 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

² 7885/26.